C/2026/2608

20.5.2026

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Fond Ewropew għall-Kompetittività

(C/2026/2608)

Relatur: Pehr GRANFALK (SE/PPE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Solna

Dokument ta' referenza: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività ("FEK"), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fid-difiża, li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/522, (UE) 2021/694, (UE) 2021/697, (UE) 2021/783, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/696, (UE) 2023/588, (UE) [EDIP]

COM(2025) 555 final/2

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Dan jeħtieġ ukoll li l-finanzjament tal-Unjoni jiffaċilita l-ħolqien u l-espansjoni ta' ekosistemi innovattivi u industrijali, fejn atturi differenti jinteraġixxu b'mod sinerġetiku. L-ekosistemi ta' suċċess ikollhom interazzjonijiet intensivi u aġli u kollaborazzjoni bejn il-kumpaniji żgħar u kbar, l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, il-fornituri tal-infrastruttura, l-investituri kif ukoll l-awtoritajiet pubbliċi. Mingħajr tali kollaborazzjonijiet f'ekosistemi tal-innovazzjoni u dawk industrijali individwali u bejniethom, il-potenzjal tal-innovazzjoni jibqa' mhux sfruttat.	Dan jeħtieġ ukoll li l-finanzjament tal-Unjoni jiffaċilita l-ħolqien u l-espansjoni ta' ekosistemi innovattivi u industrijali, fejn atturi differenti jinteraġixxu b'mod sinerġetiku. L-ekosistemi ta' suċċess ikollhom interazzjonijiet intensivi u aġli u kollaborazzjoni bejn il-kumpaniji żgħar u kbar, l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, il-fornituri tal-infrastruttura, l-investituri kif ukoll l-awtoritajiet pubbliċi ***fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali***. Mingħajr tali kollaborazzjonijiet f'ekosistemi tal-innovazzjoni u dawk industrijali individwali u bejniethom, il-potenzjal tal-innovazzjoni jibqa' mhux sfruttat.

Raġuni

Il-KtR jenfasizza r-rwol tal-FEK bħala bennej tal-katina tal-valur billi jiġi appoġġjat l-użu ta' infrastrutturi strateġiċi fir-reġjuni u l-ekosistemi tal-innovazzjoni eżistenti u billi jitrawmu konnessjonijiet aktar b'saħħithom bejn dawn l-ekosistemi fl-UE kollha, u b'hekk ikun hemm kontribut għall-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista Ewropej integrati waqt li jissaħħu l-koeżjoni territorjali u l-kompetittività reġjonali.

Emenda 2

Premessa 51 ġdida

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	Jenħtieġ li objettiv essenzjali tal-FEK ikun li javvanza u jappoġġja l-ikkompletar tas-suq uniku billi jippermetti lin-negozji, inklużi l-SMEs u l-istart-ups, jikbru, jespandu u jinnovaw. Bħala prijorità, jenħtieġ li l-FEK ifittex li

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	jiffaċilita aċċess imtejjeb għan-negozji għall-finanzjament, l-informazzjoni u l-assistenza amministrattiva, u b'hekk jikkontribwixxi għal suq uniku aktar kompetittiv, dinamiku u integrat sew fl-Istati Membri kollha. Dan l-appoġġ jenħtieġ li jinkludi wkoll gwida u sensibilizzazzjoni msaħħa dwar l-aċċess għall-fondi tal-Unjoni u l-istrumenti relatati, kif ukoll sforzi biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u burokratiċi li bħalissa jfixklu l-aċċess effettiv għal tali miżuri ta' finanzjament u appoġġ.

Raġuni

Huwa importanti li l-FEK jagħti prijorità lill-avvanz tal-ikkompletar tas-suq uniku billi jgħin lin-negozji. Għandu jtejjeb ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE waqt li jnaqqas il-piżijiet amministrattivi li jxekklu lin-negozji milli jibbenefikaw bis-sħiħ minn dawn l-istrumenti.

Emenda 3

Artikolu 2(1) punt (22) ġdid

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, il-kompetittività għandha tfisser miżuri li jwasslu għal żieda fit-tkabbir ekonomiku, fl-innovazzjoni, fir-reżiljenza territorjali, u fil-produttività b'reazzjoni għad-domanda tas-suq fis-suq uniku, kif ukoll kwalità aħjar f'termini ta' prodotti u servizzi u proporzjon imtejjeb tal-prezzijiet għall-prodotti u s-servizzi.

Raġuni

Ikun utli li tiġi definita l-kompetittività fil-kuntest tal-FEK, orjentata lejn is-suq u bbażata fuq il-post.

Emenda 4

Wara Artikolu 2(21)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	Definizzjoni ta' "innovazzjoni bbażata fuq il-post": ***L-innovazzjoni bbażata fuq il-post tirreferi għall-innovazzjoni marbuta mal-kundizzjonijiet lokali u reġjonali u għandha l-għan li tixpruna t-tkabbir ekonomiku, ittejjeb il-kwalità tal-ħajja, u tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli fil-livell reġjonali u lokali, u għandha wkoll potenzjal b'saħħtu li tikkontribwixxi għat-twettiq tal-aġenda tal-kompetittività u dik tal-innovazzjoni tal-UE.***

Raġuni

Biex jiġi ċċarat li hemm kundizzjonijiet reġjonali differenti li huma importanti għall-innovazzjoni li twassal għal żieda fil-kompetittività.

Emenda 5

Artikolu 3(1), punt (e)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
jallinja r-riċerka, l-innovazzjoni u l-appoġġ tal-politika industrijali biex l-eċċellenza fir-riċerka tal-Unjoni tissarraf f'saħħa industrijali tal-Unjoni fis-swieq globali u jiġi żgurat il-futur tal-manifattura fl-Ewropa;	jallinja r-riċerka, l-innovazzjoni***, inkluża dik ibbażata fuq il-post,*** u l-appoġġ tal-politika industrijali biex l-eċċellenza fir-riċerka tal-Unjoni tissarraf f'saħħa industrijali tal-Unjoni fis-swieq globali u jiġi żgurat il-futur tal-manifattura fl-Ewropa;

Emenda 6

Artikolu 3(1), punt (k)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
jiżgura tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija sostenibbli, dekarbonizzata u diġitali li tkun ġusta u li tappoġġa lill-ħaddiema u lill-komunitajiet.	jiżgura tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija sostenibbli, dekarbonizzata u diġitali li tkun ġusta u li tappoġġa lill-ħaddiema u lill-komunitajiet ***fir-reġjuni u fl-Istati Membri kollha, f'konformità man-newtralità teknoloġika u b'enfasi partikolari fuq ir-reġjuni dipendenti mill-industriji intensivi fl-enerġija***.

Raġuni

Il-KtR jappella li jiġu inklużi miżuri apposta dwar it-tranżizzjoni ġusta biex jiġu appoġġjati t-trasformazzjonijiet tas-soċjetà, inklużi d-diversifikazzjoni ekonomika, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid abbażi tal-esperjenzi pożittivi li saru, fil-perjodu ta' finanzjament attwali, bil-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, li l-bliet u r-reġjuni huma fil-qalba tiegħu.

Emenda 7

Artikolu 3(2), punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Għall-appoġġ għat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u d-Dekarbonizzazzjoni Industrijali, l-objettivi speċifiċi ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea, inklużi l-SMEs u l-industriji intensivi fl-enerġija, il-manifattura tat-teknoloġija nadifa u l-ktajjen tal-provvista tagħha, u li jikkontribwixxu għall-bidla lejn ekonomija sostenibbli, ċirkolari, tal-enerġija, effiċjenti fl-użu tal-ilma u tar-riżorsi, newtrali għall-klima u reżiljenti. Dan jinkludi l-adozzjoni mill-industriji ta' teknoloġiji ta' dekarbonizzazzjoni u soluzzjonijiet oħra għall-proċessi u l-attivitajiet industrijali tagħhom, kif ukoll id-dekarbonizzazzjoni tal-provvista tal-enerġija, il-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija, l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli u nadifa, l-iżvilupp ta' flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija, l-adozzjoni mis-swieq ewlenin għal prodotti nodfa, l-iżvilupp, ir-reżiljenza, l-integrazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-infrastrutturi u s-sistemi tal-enerġija u tat-trasport, it-tisħiħ tal-mobbiltà	Għall-appoġġ għat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u d-Dekarbonizzazzjoni Industrijali, l-objettivi speċifiċi ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea, inklużi l-SMEs u l-industriji intensivi fl-enerġija, il-manifattura tat-teknoloġija nadifa u l-ktajjen tal-provvista tagħha, u li jikkontribwixxu għall-bidla lejn ekonomija sostenibbli, ċirkolari, tal-enerġija, effiċjenti fl-użu tal-ilma u tar-riżorsi, newtrali għall-klima u reżiljenti***, sabiex tiġi protetta, restawrata u mtejba l-kwalità tal-ambjent, inklużi l-arja, l-ilma u l-ħamrija, u biex jitwaqqfu u jitreġgħu lura t-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistemi, waqt li jiġi rispettat il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Dan jinkludi wkoll appoġġ għal Tranżizzjoni Ġusta, bħal azzjonijiet territorjali mfassla apposta biex jiġu appoġġati t-trasformazzjonijiet tas-soċjetà, inklużi d-diversifikazzjoni ekonomika, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fir-reġjuni u l-komunitajiet li l-iżjed li jiġu affettwati mit-tranżizzjoni lejn***

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
intelliġenti u l-fjuwils alternattivi sostenibbli, kif ukoll it-tisħiħ tal-ekonomija blu sostenibbli, l-iżvilupp ta' mudelli kummerċjali innovattivi bbażati fuq in-natura u soluzzjonijiet min-naħa tad-domanda għal bini, trasport u industrija nodfa u dekarbonizzati, u żieda fil-produzzjoni li tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Ewropa.	***in-newtralità klimatika u bidliet strutturali oħra, fi sħubija mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-sħab soċjali.*** Dan jinkludi l-adozzjoni mill-industriji ta' teknoloġiji ta' dekarbonizzazzjoni u soluzzjonijiet oħra għall-proċessi u l-attivitajiet industrijali tagħhom, kif ukoll ***l-implimentazzjoni ta' pjanijiet lokali u reġjonali dwar il-klima u l-enerġija,*** id-dekarbonizzazzjoni tal-provvista tal-enerġija, il-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija, l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli u nadifa, l-iżvilupp ta' flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija, l-adozzjoni mis-swieq ewlenin għal prodotti nodfa, l-iżvilupp, ir-reżiljenza, l-integrazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-infrastrutturi u s-sistemi tal-enerġija u tat-trasport, it-tisħiħ tal-mobbiltà intelliġenti u l-fjuwils alternattivi sostenibbli, kif ukoll it-tisħiħ tal-ekonomija blu sostenibbli, l-iżvilupp ta' mudelli kummerċjali innovattivi bbażati fuq in-natura u soluzzjonijiet min-naħa tad-domanda għal bini, trasport u industrija nodfa u dekarbonizzati, ***il-garanzija tal-provvista tal-materja prima meħtieġa għal tranżizzjoni lejn ekonomija dekarbonizzata u diġitalizzata,*** u żieda fil-produzzjoni li tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Ewropa.

Raġuni

Il-KtR jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-produzzjoni u l-provvista ta' enerġija nadifa fl-UE, u fl-istess ħin il-Istati Membri jitħallew jadottaw approċċ teknoloġikament newtrali li jissodisfa bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tar-reġjun tagħhom stess u tiġi permessa l-parteċipazzjoni pubblika mill-komunitajiet tal-enerġija lokali u reġjonali li jaġixxu bħala faċilitaturi ewlenin.

Il-KtR jilqa' l-inklużjoni ta' tieqa ta' politika speċifika dwar it-tranżizzjoni nadifa u d-dekarbonizzazzjoni industrijali li tiddependi ħafna mill-kapaċitajiet lokali u reġjonali għall-implimentazzjoni; għalhekk, jappella għal azzjoni aktar speċifika mhux biss għal tranżizzjoni nadifa iżda wkoll ġusta biex tiġi appoġġjata t-trasformazzjoni industrijali u jitnaqqsu l-ispejjeż ekonomiċi u soċjetali tal-effetti tat-tibdil fil-klima.

Emenda 8

Artikolu 3(2)(c)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-kisba tas-sovranità teknoloġika billi jinbnew ekosistemi diġitali reżiljenti u jiġi żgurat livell għoli ta' ċibersigurtà fl-Unjoni;	Il-kisba tas-sovranità teknoloġika billi jinbnew ekosistemi diġitali reżiljenti u jiġi żgurat livell għoli ta' ċibersigurtà fl-Unjoni***, inkluż fil-livelli kollha ta' gvern***;

Emenda 9

Artikolu 3(2), punt (d)(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Għall-appoġġ għas-sigurtà industrijali ċivili, l-objettivi speċifiċi tat-tisħiħ tal-kompetittività u r-rispons tal-industrija Ewropea tas-sigurtà ċivili, fl-oqsma ta' applikazzjoni tas-sigurtà, ir-reżiljenza ta' infrastrutturi	Għall-appoġġ għas-sigurtà industrijali ċivili, l-objettivi speċifiċi tat-tisħiħ tal-kompetittività u r-rispons tal-industrija Ewropea tas-sigurtà ċivili, fl-oqsma ta' applikazzjoni tas-sigurtà, ir-reżiljenza ta' infrastrutturi

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
kritiċi u b'użu doppju, it-teknoloġiji inkluża l-infrastruttura kritika tal-enerġija, u s-soluzzjonijiet għall-kontroll tal-merkanzija u l-persuni fil-fruntieri, il-protezzjoni tal-fruntieri, is-sigurtà marittima, is-sigurtà doganali u t-tħejjija ċivili kontra t-theddid għas-sigurtà, kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-utenti finali rilevanti.	kritiċi u b'użu doppju, it-teknoloġiji inkluża l-infrastruttura kritika tal-enerġija, u s-soluzzjonijiet għall-kontroll tal-merkanzija u l-persuni fil-fruntieri, il-protezzjoni tal-fruntieri, is-sigurtà marittima, is-sigurtà doganali u t-tħejjija ċivili kontra t-theddid għas-sigurtà ***u kontra diżastri relatati mal-klima***, kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-utenti finali rilevanti.

Emenda 10

Artikolu 5(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq talba tagħhom, f'konformità mal-Artikolu X tar-Regolament (UE)(XXX) ir-Regolament NRPF), jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-FEK.	**Ħassar it-test**

Emenda 11

Artikolu 7(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, b'mod proporzjonat għar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, jiffaċilitaw il-koordinazzjoni u l-koerenza bejn il-Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali dwar prijoritajiet ta' kompetittività komuni f'oqsma u proġetti ewlenin magħżula meqjusa ta' importanza strateġika u ta' interess Ewropew komuni.	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, b'mod proporzjonat għar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, jiffaċilitaw il-koordinazzjoni u l-koerenza bejn il-Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali dwar prijoritajiet ta' kompetittività komuni f'oqsma u proġetti ewlenin magħżula meqjusa ta' importanza strateġika u ta' interess Ewropew komuni. ***Tali koordinazzjoni jenħtieġ li tinvolvi b'mod sinifikanti lir-reġjuni abbażi ta' dispożizzjonijiet dwar il-governanza f'diversi livelli u s-sħubija (skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-Fond tal-PSNR) u f'konsistenza sħiħa mal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar is-Sħubija.***

Emenda 12

Punt ġdid Artikolu 7(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-isforzi ta' tranżizzjoni ġusta tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ ipprovdut

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	skont dan ir-Regolament ikun koerenti u komplementari mal-istrateġiji u l-kapitoli ta' tranżizzjoni territorjali stabbiliti fir-Regolament dwar il-Pjani ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (UE) [XXX], b'mod partikolari għar-reġjuni u t-territorji li l-iżjed li jiġu affettwati mit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u effiċjenti fir-riżorsi. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu involuti mill-qrib fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' tali appoġġ, f'konformità mal-prinċipji tal-governanza f'diversi livelli u s-sħubija.

Emenda 13

Artikolu 9a

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	1. Fejn rilevanti u adegwat, skont in-natura tal-proċedura tal-għoti, il-kriterji tal-għoti stabbiliti fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 15 għandhom iqisu l-prinċipji li ġejjin: ***(a) valutazzjoni tal-kwalità tal-proposti mressqa fid-dawl tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3;*** ***(b) valutazzjoni tar-riżultati mistennija tal-proposti u l-impatt tagħhom biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3;*** ***(c) il-kapaċità tal-proposti li jappoġġaw attivitajiet speċifiċi fil-Kapitoli III, IV, V, VI u VII, it-Taqsimiet 1, 3 u 4, meta titqies in-natura tal-attivitajiet;*** ***(d) impatt ippruvat fuq it-tisħiħ tal-ekosistema tal-innovazzjoni permezz ta' innovazzjoni bbażata fuq il-post.*** ***2. Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali ma għandhomx ikunu preżenti f'deliberazzjonijiet dwar il-kriterji tal-għoti.*** ***3. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-programmi ta' ħidma adottati biex jiġu implimentati l-attivitajiet skont il-Kapitolu VII, Taqsima 2.***

Raġuni

Kjarifika.

Emenda 14

Artikolu 10(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-programm ta' ħidma, il-linji gwida għall-investiment jew id-dokumenti relatati mal-proċedura tal-għoti jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà biex tiġi żgurata l-kompetittività tal-Unjoni, inklużi l-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi u l-awtonomija tal-Unjoni fejn meħtieġ u xieraq, inkluż permezz ta' kundizzjonijiet preferenzjali bħal restrizzjonijiet jew inċentivi għall-entitajiet tal-Unjoni, filwaqt li tiġi limitata d-distorsjoni tas-suq uniku. Dawk il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà jistgħu jieħdu l-forma ta':	Il-programm ta' ħidma, il-linji gwida għall-investiment jew id-dokumenti relatati mal-proċedura tal-għoti jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà biex tiġi żgurata l-kompetittività tal-Unjoni, inklużi l-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi u l-awtonomija tal-Unjoni fejn meħtieġ u xieraq, inkluż permezz ta' kundizzjonijiet preferenzjali bħal restrizzjonijiet jew inċentivi għall-entitajiet tal-Unjoni, filwaqt li tiġi limitata d-distorsjoni tas-suq uniku ***kif jintwera f'valutazzjonijiet tal-impatt jew f'valutazzjonijiet tal-impatt territorjali adatti***. Dawk il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà jistgħu jieħdu l-forma ta':

Emenda 15

Artikolu 14(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord jenħtieġ li jaġixxu b'integrità u onesta.	Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika ***fil-livelli kollha tal-gvern, inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll ir-raggruppamenti reġjonali***. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord jenħtieġ li jaġixxu b'integrità u onesta.

Emenda 16

Artikolu 14(11)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-partijiet ikkonċernati jiġu kkonsultati fl-iżvilupp tal-programmi ta' ħidma, bil-ħolqien ta' pjattaforma tematika waħda jew aktar għal kull tieqa.	Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-partijiet ikkonċernati ***fil-livelli kollha ta' gvern, inklużi l-aġenziji tal-innovazzjoni reġjonali, ir-raggruppamenti u l-aġenziji tal-iżvilupp,*** jiġu kkonsultati fl-iżvilupp tal-programmi ta' ħidma, bil-ħolqien ta' pjattaforma tematika waħda jew aktar għal kull tieqa.

Emenda 17

Artikolu ġdid wara Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	Promozzjoni tal-innovazzjoni bbażata fuq il-post:
	— ***Il-FEK għandu jippromovi u juża l-potenzjal tal-innovazzjoni bbażata fuq il-post billi (i) jitgħallem mid-dinamika lokali, (ii) jallinja l-investimenti Ewropej mal-prijoritajiet kondiviżi, u (iii) iwessa' l-potenzjal għat-tkabbir tal-produttività, u b'hekk jiġu żgurati użu u skalar aħjar, u fl-istess ħin jiġi promoss it-tkabbir ekonomiku fit-tipi kollha ta' postijiet, waqt li tinżamm id-direzzjonalità tal-aġenda tal-UE dwar is-sostenibbiltà u l-inklużività.***
	— ***Dan għandu jinkiseb billi l-istrutturi ta' governanza fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali u reġjonali jiġu allinjati madwar il-prijoritajiet ewlenin u b'hekk tiġi pprovduta l-bażi għal involviment attiv tal-ekosistemi territorjali fl-objettivi speċifiċi tal-Fond.***
	— ***Għandhom jiġu antiċipati l-azzjonijiet li ġejjin:***
	— ***jiġu promossi sinerġiji effettivi billi l-appoġġ tal-UE għall-innovazzjoni bbażata fuq il-post jiġi kkombinat permezz ta' strateġiji mġedda ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fir-reġjuni tal-Ewropa li huma allinjati mal-għanijiet Ewropej ta' sostenibbiltà u inklużività fit-tul;***
	— ***jiġu promossi sinerġiji effettivi billi l-appoġġ lokali, reġjonali u nazzjonali minn strateġiji mġedda ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti jiġi kkombinat bil-għan li jiġu ssodisfati l-prijoritajiet tal-kompetittività u l-innovazzjoni tal-UE;***
	— ***jiġu elevati s-sistemi ta' innovazzjoni bbażati fuq il-post permezz ta' miżuri ta' bini tal-kapaċitajiet li jippromovu approċċi ta' innovazzjoni trasformattiva;***
	— ***jiġu permessi l-ħolqien konġunt u t-tagħlim reċiproku bejn l-oqsma ta' politika, il-fruntieri u l-livelli ta' governanza biex tiġi żgurata koerenza orizzontali u vertikali billi jiġi appoġġat in-networking tal-ekosistemi tal-innovazzjoni b'mod partikolari tul il-ktajjen tal-valur Ewropej;***
	— ***tiġi stabbilita komunità ta' prattiki biex jiġu applikati għodod innovattivi fil-promozzjoni ta' kunċetti mill-aktar avvanzati ta' trasformazzjoni xprunata mill-innovazzjoni bbażata fuq il-post;***
	— ***jiġu pprovduti riżorsi biex jiġu żviluppati approċċi ġodda fil-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-ittestjar tagħhom fil-livell lokali/reġjonali, permezz ta' spazji ta' tagħlim regolatorji speċifiċi;***
	— ***jiġu appoġġati miżuri li jippromovu s-sħubija u l-governanza f'diversi livelli ta' politiki u miżuri biex tiġi appoġġata t-trasformazzjoni mmexxija mill-innovazzjoni bbażata fuq il-post b'mod koordinat u konsistenti.***

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	Kull objettiv ta' finanzjament tal-FEK għandu jqis il-ħtieġa li jintlaħqu s-sistemi ta' innovazzjoni bbażati fuq il-post meta jiġu implimentati l-politiki tagħhom.

Raġuni

Il-KtR jissuġġerixxi li jiġi inkluż b'mod espliċitu l-kunċett ta' innovazzjoni bbażata fuq il-post, li jibni fuq l-esperjenzi eżistenti bħall-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti, bħala għodda ewlenija ta' implimentazzjoni għall-FEK biex jiġi żgurat li l-investiment fit-teknoloġiji tal-fruntieri jintuża u jinbidel fi prodotti ġodda u li t-talent jiġi sfruttat fit-territorji kollha.

Emenda 18

Artikolu 15(1), punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. Il-programmi ta' ħidma jistgħu jistabbilixxu:	1. Il-programmi ta' ħidma jistgħu jistabbilixxu:
(a) l-azzjonijiet u l-baġit assoċjat mill-FEK kif ukoll l-azzjonijiet stabbiliti fil-parti speċifika ddedikata tal-programmi ta' ħidma indikati fil-paragrafu 2;	(a) l-azzjonijiet u l-baġit assoċjat mill-FEK kif ukoll l-azzjonijiet stabbiliti fil-parti speċifika ddedikata tal-programmi ta' ħidma indikati fil-paragrafu 2***, abbażi ta' valutazzjoni bir-reqqa tal-ħtiġijiet identifikati u l-azzjonijiet proposti. F'każ li d-data sottonazzjonali ma tkunx disponibbli, il-Programmi ta' ħidma jistgħu jużaw riżultati minn għodod volontarji ta' awtovalutazzjoni li jkunu ġew appoġġati jew żviluppati b'appoġġ dirett jew indirett mill-Kummissjoni Ewropea***;

Emenda 19

Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Sabiex jitrawmu ktajjen tal-valur tal-Unjoni reżiljenti, il-programmi ta' ħidma jistgħu jinkludu sejħiet iddedikati għall-ktajjen tal-valur li għandhom jappoġġaw kemm it-tħejjija tal-proġetti kif ukoll l-attrazzjoni tal-kapital pubbliku u privat addizzjonali biex jiġu integrati l-forniturі, il-manifatturi u l-innovaturi minn Stati Membri differenti u jiġu ddiversifikati s-sorsi tal-provvista.	Sabiex jitrawmu ktajjen tal-valur tal-Unjoni reżiljenti, il-programmi ta' ħidma jistgħu jinkludu sejħiet iddedikati għall-ktajjen tal-valur li għandhom jappoġġaw kemm it-tħejjija tal-proġetti kif ukoll l-attrazzjoni tal-kapital pubbliku u privat addizzjonali biex jiġu integrati l-forniturі, il-manifatturi u l-innovaturi minn Stati Membri differenti u jiġu ddiversifikati s-sorsi tal-provvista. ***Għandhom jipprevedu wkoll miżuri biex tiġi promossa l-kooperazzjoni interreġjonali u transfruntiera tal-ekosistemi lokali u reġjonali tul dawn il-ktajjen tal-valur.***

Emenda 20

Artikolu 21(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-ammont minimu tal-appoġġ tal-Unjoni mill-FEK mogħti permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jkun ta' EUR 17 000 000 000, li għandu jintuża b'appoġġ għall-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3. Dan l-ammont minimu għandu jiżdied bil-kontribuzzjonijiet mill-programmi ta' ħidma stabbiliti fl-Artikolu 15. Il-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu mezz preferut ta' implimentazzjoni taħt il-FEK u jintużaw għall-proviżjonament tal-garanzija baġitarja jew għall-finanzjament tal-istrumenti finanzjarji.	L-ammont minimu tal-appoġġ tal-Unjoni mill-FEK mogħti permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jkun ta' EUR 17 000 000 000, li għandu jintuża b'appoġġ għall-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3. ***Dan l-ammont minimu jista' jopera permezz tal-erba' twieqi ta' politika stabbiliti fl-Artikolu 8(1), il-punti (a), (b), (c) u (d) tar-Regolament (UE) 2021/523.*** Dan l-ammont minimu għandu jiżdied bil-kontribuzzjonijiet mill-programmi ta' ħidma stabbiliti fl-Artikolu 15. Il-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu mezz preferut ta' implimentazzjoni taħt il-FEK u jintużaw għall-proviżjonament tal-garanzija baġitarja jew għall-finanzjament tal-istrumenti finanzjarji.

Emenda 21

Artikolu 25 żid punt ġdid wara punt 1

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	Mingħajr preġudizzju għall-għażla f'waqtha għal imsieħba ta' implimentazzjoni ġodda, il-Kummissjoni tista' tiddependi u terġa' tuża bis-sħiħ jew parzjalment il-ftehimiet mas-sħab ta' implimentazzjoni konklużi skont ir-Regolament (UE) 2021/523, u fuq valutazzjonijiet magħmula minnha stess jew minn entitajiet oħra fil-kuntest ta' ftehimiet skont dak ir-Regolament.

Raġuni

Skont il-Premessa 69, sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba, implimentazzjoni aktar rapida u semplifikazzjoni għall-entitajiet fdati, l-implimentazzjoni ta' InvestEU jenħtieġ li tibni fuq ftehimiet eżistenti, mudelli għal arranġamenti legali u kuntrattwali, kif ukoll għodod stabbiliti ta' monitoraġġ u rapportar.

Emenda 22

Artikolu 27(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
In-Network "UE għan-Negozji" għandu jiġi stabbilit biex jgħin lin-negozji tal-Unjoni jsiru aktar kompetittivi u jinnovaw, jikbru u jespandu fis-Suq Uniku u lil hinn minnu, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs, l-istart-ups, l-iscale-ups u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja. In-network għandu jkollu kopertura mifruxa mal-Unjoni kollha u bbilanċjata ġeografikament, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tat-tipi kollha ta' reġjuni fl-Unjoni, inklużi r-reġjuni inqas żviluppati u r-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.	In-Network "UE għan-Negozji" għandu jiġi stabbilit biex jgħin lin-negozji tal-Unjoni jsiru aktar kompetittivi u jinnovaw, jikbru u jespandu fis-Suq Uniku u lil hinn minnu, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs, l-istart-ups, l-iscale-ups u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja. In-network għandu jkollu kopertura mifruxa mal-Unjoni kollha u bbilanċjata ġeografikament, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tat-tipi kollha ta' reġjuni fl-Unjoni, inklużi r-reġjuni inqas żviluppati u r-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni. ***Għandu jibni kemm jista' jkun fuq in-networks diġà eżistenti.***

Emenda 23

Artikolu 28(1), punt (e)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
iż-żieda fl-aċċess u d-disponibbiltà ta' finanzjament għall-SMEs inklużi l-mikrofinanzjament u l-appoġġ għall-intrapriżi soċjali, u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja;	iż-żieda fl-aċċess u d-disponibbiltà ta' finanzjament għall-SMEs inklużi l-mikrofinanzjament u l-appoġġ għall-intrapriżi soċjali, u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja; ***għandu jingħata appoġġ lill-SMEs lokalment, fil-postijiet fejn joperaw;***

Emenda 24

Artikolu 29

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Kull tieqa għandha tappoġġa azzjonijiet iddedikati u speċifiċi għas-settur immirati lejn start-ups, SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja jew sejħiet għall-SMEs f'setturi strateġiċi bil-għan li jrawmu l-innovazzjoni, l-aċċellerazzjoni tan-negozju, il-kummerċjalizzazzjoni u l-espansjoni.	Kull tieqa għandha tappoġġa azzjonijiet iddedikati u speċifiċi għas-settur immirati lejn start-ups, SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja jew sejħiet għall-SMEs f'setturi strateġiċi bil-għan li jrawmu l-innovazzjoni, l-aċċellerazzjoni tan-negozju, il-kummerċjalizzazzjoni u l-espansjoni***, billi tibni b'mod wiesa' fuq l-istrutturi eżistenti ta' appoġġ***.

Emenda 25

Artikolu 33(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
It-tieqa tal-appoġġ għal tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, u d-dekarbonizzazzjoni industrijali għandha tiġi implimentata b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li ġejjin:	It-tieqa tal-appoġġ għal tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, u d-dekarbonizzazzjoni industrijali għandha ***tkun teknoloġikament newtrali u għandha*** tiġi implimentata b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li ġejjin:

Raġuni

Sabiex tiġi enfasizzata l-ħtieġa għan-newtralità teknoloġika.

Emenda 26

Artikolu 33(1), punt (c)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(c) Soluzzjonijiet ta' enerġija nadifa u dekarbonizzazzjoni fl-industrija, inkluża l-elettrifikazzjoni ta' industriji li jużaw ħafna enerġija, u l-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju (CCS/CCU, carbon capture, storage and utilisation)***, b'mod partikolari għall-enerġija, it-trasport u l-bini***.	(c) Soluzzjonijiet ta' enerġija nadifa u dekarbonizzazzjoni fl-industrija, inkluża l-elettrifikazzjoni ta' industriji li jużaw ħafna enerġija, u l-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju (CCS/CCU, carbon capture, storage and utilisation).

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	(d) L-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' pjanijiet ta' azzjoni dwar il-klima u l-enerġija fil-livell lokali u reġjonali, b'mod partikolari għall-enerġija, it-trasport u l-bini.

Emenda 27

Artikolu 33(1), punt (o)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(o) Azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni. Dan jinkludi l-appoġġ lill-istituzzjonijiet rilevanti, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati, l-istudji, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod u infrastrutturi, inklużi l-infrastruttura u l-għodod tal-IT.	(o) Azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni. Dan jinkludi l-appoġġ lill-istituzzjonijiet rilevanti, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali***, lokali u reġjonali*** u mal-partijiet ikkonċernati, l-istudji, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod u infrastrutturi, inklużi l-infrastruttura u l-għodod tal-IT.

Emenda 28

Artikolu 33 żid punt ġdid wara punt 1(o)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ekosistemi tal-innovazzjoni bbażati fuq il-post li jsaħħu d-dimensjoni territorjali tad-dekarbonizzazzjoni industrijali u t-tranżizzjoni ġusta billi jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fost l-industrija, l-SMEs, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, u l-bliet u r-reġjuni; il-promozzjoni ta' ktajjen tal-valur, ħiliet u kapaċitajiet ta' innovazzjoni tat-teknoloġija nadifa ankrati reġjonalment; u l-iffaċilitar tal-użu u l-iskalar ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni fit-territorji kollha tal-Unjoni.

Raġuni

Huwa importanti li jiġi żgurat li d-dekarbonizzazzjoni industrijali u t-tranżizzjoni ġusta jkunu msejsa fuq il-punti b'saħħithom u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull territorju u li jinbnew ktajjen tal-valur u kapaċitajiet ankrati reġjonalment sabiex it-teknoloġiji nodfa jkunu jistgħu jiġu żviluppati, użati u skalati madwar l-Unjoni.

Emenda 29

Artikolu 34(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Għal attivitajiet li jappoġġaw azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija u tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kofinanzjament.	Għal attivitajiet li jappoġġaw azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija u tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, ***kif ukoll ir-reżiljenza għall-klima u għall-ilma,*** l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kofinanzjament.

Emenda 30

Artikolu 37(1), punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
It-titjib u l-protezzjoni tas-saħħa, inkluża s-saħħa transfruntiera, billi tingħata prijorità lill-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard tul il-ħajja permezz ta' politiki tas-saħħa fil-politiki kollha u "saħħa waħda", b'enfasi speċjali fuq il-mard komunikabbli u mhux komunikabbli, inklużi s-saħħa mentali, is-saħħa deġenerattiva, l-awtiżmu, il-mard kardjovaskulari, il-kanċer u mard ieħor mhux komunikabbli, inkluż dak relatat mat-tniġġis, is-saħħa sesswali u riproduttiva u t-tisħiħ tal-inizjattivi internazzjonali tas-saħħa u l-kooperazzjoni.	It-titjib u l-protezzjoni tas-saħħa, inkluża s-saħħa transfruntiera ***u rurali***, billi tingħata prijorità lill-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard tul il-ħajja permezz ta' politiki tas-saħħa fil-politiki kollha u "saħħa waħda", b'enfasi speċjali fuq il-mard komunikabbli u mhux komunikabbli, inklużi s-saħħa mentali, is-saħħa deġenerattiva, l-awtiżmu, il-mard kardjovaskulari, il-kanċer u mard ieħor mhux komunikabbli, inkluż dak relatat mat-tniġġis, is-saħħa sesswali u riproduttiva u t-tisħiħ tal-inizjattivi internazzjonali tas-saħħa u l-kooperazzjoni.

Emenda 31

Artikolu 39(2), punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-kisba tas-sovranità teknoloġika permezz tal-bini ta' ekosistemi diġitali reżiljenti, inklużi ħiliet diġitali avvanzati, u l-iżgurar ta' livell għoli ta' ċibersigurtà fl-Unjoni. […]	Il-kisba tas-sovranità teknoloġika permezz tal-bini ta' ekosistemi diġitali reżiljenti, inklużi ħiliet diġitali avvanzati, u l-iżgurar ta' livell għoli ta' ċibersigurtà fl-Unjoni***, inkluż fil-livelli kollha ta' gvern***. […]

Emenda 32

Artikolu 39(2), punt (e)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni. Dan jinkludi l-appoġġ lill-istituzzjonijiet rilevanti, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati, l-istudji, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod u infrastrutturi, inklużi l-infrastruttura u l-għodod tal-IT.	Azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni. Dan jinkludi l-appoġġ lill-istituzzjonijiet rilevanti, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati, l-istudji, ***feedback mill-awtoritajiet lokali u reġjonali,*** l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod u infrastrutturi, inklużi l-infrastruttura u l-għodod tal-IT.

Emenda 33

Artikolu 52(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (c), l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa ***50*** % tal-kostijiet eliġibbli.	Għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (c), l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa ***100*** % tal-kostijiet eliġibbli.

Raġuni

Il-proposta ta' appoġġ akbar għar-rispons industrijali tad-difiża, l-espansjoni industrijali u r-reżiljenza, minħabba l-urġenza tal-kwistjoni.

Emenda 34

Artikolu 60(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Copernicus għandha tappoġġa wkoll il-formulazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha b'mod partikolari fl-oqsma tal-ambjent, tat-tibdil fil-klima u tal-baħar, is-settur marittimu u atmosferiku l-iżvilupp tal-agrikoltura u rurali, il-preservazzjoni tal-wirt kulturali, il-protezzjoni ċivili, il-monitoraġġ tal-infrastruttura, is-sikurezza u s-sigurtà, kif ukoll l-ekonomija diġitali, taħt it-tieqa tat-Tmexxija Diġitali, li għandha tkun allinjata mal-objettiv ta' Copernicus.	Copernicus għandha tappoġġa wkoll il-formulazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha***, u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali meta rilevanti,*** b'mod partikolari fl-oqsma tal-ambjent, tat-tibdil fil-klima u tal-baħar, is-settur marittimu u atmosferiku l-iżvilupp tal-agrikoltura u rurali, il-preservazzjoni tal-wirt kulturali, il-protezzjoni ċivili, il-monitoraġġ tal-infrastruttura, is-sikurezza u s-sigurtà, kif ukoll l-ekonomija diġitali, taħt it-tieqa tat-Tmexxija Diġitali, li għandha tkun allinjata mal-objettiv ta' Copernicus.

Emenda 35

Artikolu 83(7)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
F'konformità mal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali jew istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħra tal-Unjoni Ewropea jistgħu jiġu mistiedna bħala osservaturi fil-laqgħat tal-konfigurazzjonijiet tal-kumitat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli tal-proċedura tagħhom, filwaqt li jitqiesu l-interessi tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali ma għandhomx ikunu preżenti f'deliberazzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-eliġibbiltà, inklużi deliberazzjonijiet relatati mal-Artikoli 9 u 10 ta' dan ir-Regolament.	F'konformità mal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali jew istituzzjonijiet***, inklużi il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni,*** korpi u aġenziji oħra tal-Unjoni Ewropea jistgħu jiġu mistiedna bħala osservaturi fil-laqgħat tal-konfigurazzjonijiet tal-kumitat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli tal-proċedura tagħhom, filwaqt li jitqiesu l-interessi tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali ma għandhomx ikunu preżenti f'deliberazzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-eliġibbiltà, inklużi deliberazzjonijiet relatati mal-Artikoli 9 u 10 ta' dan ir-Regolament.

II. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KTR)

Konsiderazzjonijiet ġenerali

1. jilqa' l-proposta biex jiġi stabbilit il-Fond Ewropew għall-Kompetittività bil-għan li jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rapport ta' Draghi dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea;

2. waqt li jilqa' s-semplifikazzjoni, il-flessibbiltà, is-sinerġiji u l-konsolidazzjoni tal-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, jissottolinja li l-fużjoni ta' 14-il programm ta' finanzjament preċedenti fi strument wieħed tista' toħloq sfida biex jiġu indirizzati b'mod adegwat il-ħtiġijiet ta' finanzjament f'dawn l-oqsma ta' politika u jiġi evitat li jintilfu l-għodod effettivi li kienu fis-seħħ fil-programmi preċedenti intiżi biex jintlaħaq il-livell lokali u reġjonali;

3. jissottolinja l-ħtieġa għal trasparenza msaħħa fir-rigward tal-istruttura u l-governanza riveduti tal-Fond fid-dawl tal-konsolidazzjoni tal-programmi, sabiex ikun identifikabbli b'mod ċar liema programmi u strumenti jibqgħu fi ħdan il-Fond, f'liema kapaċità, u liema ser jintemmu bħala riżultat tal-prijoritizzazzjoni;

4. jenfasizza r-rwol ewlieni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali mhux biss bħala benefiċjarji eliġibbli tal-Fond, iżda wkoll bħala faċilitaturi ewlenin u laboratorji tal-ittestjar tal-ekosistemi tal-innovazzjoni reġjonali u lokali li jlaqqgħu flimkien l-istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni, in-negozji u s-soċjetà ċivili;

5. jissottolinja, għalhekk, il-ħtieġa li l-approċċ globali dwar il-kompetittività kif definit fir-rapport ta' Draghi jiġi kkombinat ma' approċċ ibbażat fuq il-post li jisfrutta l-potenzjal tat-tkabbir madwar l-UE;

6. jissottolinja li l-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (S3) imġedda huma għodda ewlenija bbażata fuq il-post biex jissaħħu s-sinerġiji bejn il-Pjani ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività billi l-prijoritajiet tal-kompetittività Ewropej jiġu allinjati mal-ekosistemi tal-innovazzjoni reġjonali u l-punti b'saħħithom industrijali;

7. jenfasizza, f'dan il-kuntest, ir-rwol ewlieni tal-politika ta' koeżjoni anke bħala politika ta' investiment li tikkontribwixxi biex tiġi promossa l-kompetittività lokali u reġjonali għal Ewropa aktar intelliġenti fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali; għalhekk, jinsab imħasseb ħafna dwar il-proposta għal pjan ta' sħubija nazzjonali u reġjonali (PSNR) fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss li ma jirrikonoxxix b'mod espliċitu r-rwol tar-reġjuni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jqajjem dubji dwar kif ir-reġjuni kollha fl-UE ser jibbenefikaw mill-politika ta' koeżjoni;

8. ifakkar f'dan is-sens li l-koeżjoni territorjali hija objettiv tat-Trattat u jitlob li l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) jinkorpora l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti lill-koeżjoni", li jirrikjedi valutazzjonijiet tal-impatt territorjali ex ante għall-programmi ta' ħidma, is-sejħiet u l-għażliet;

9. jitlob li l-pakketti finanzjarji rispettivi tal-erba' twieqi ta' politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività jiġu bbilanċjati mill-ġdid sabiex jiġu ggarantiti riżorsi suffiċjenti u prevedibbli għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, li huma essenzjali għall-kompetittività Ewropea fit-tul, sostenibbli u inklużiva;

10. jenfasizza li l-kompetittività tal-UE tiddependi wkoll mit-tnaqqis tal-ispejjeż ekonomiċi u soċjetali marbuta mal-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima. Jitlob, f'dan ir-rigward, azzjoni aktar sostantiva biex jiġu indirizzati l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-preparatezza għal diżastri relatati mal-klima;

11. jenfasizza li n-nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli sar theddida ekonomika għall-kompetittività tal-ekonomiji lokali u reġjonali, u dan joħloq ostakli għas-suq tax-xogħol u jaggrava n-nuqqas ta' ħaddiema. F'dan ir-rigward, jappella li jiġu allokati riżorsi biex tiġi mitigata din l-isfida urġenti anke permezz tal-FEK;

Objettiv u struttura tal-FEK

12. jilqa' r-rwol imsaħħaħ ippjanat għal InvestEU fl-ambitu tal-FEK bħala strument ewlieni biex tiġi appoġġjata l-iscale up industrijali tul il-ktajjen tal-valur strateġiċi; jenfasizza li l-appoġġ għandu jmur lil hinn mill-iżvilupp teknoloġiku biex jiġu indirizzati wkoll il-ħiliet, it-taħriġ u l-kapaċitajiet meħtieġa għall-użu fis-suq; strumenti finanzjarji ġestiti b'mod ċentrali għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-riskji teknoloġiċi, finanzjarji u tas-suq matul il-fażijiet kritiċi ta' scale-up waqt li jibqgħu jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-ekosistemi reġjonali u lokali;

13. jissuġġerixxi artikolu speċifiku dwar l-innovazzjoni bbażata fuq il-post, li jiżgura li l-FEK jippromovi u jisfrutta l-potenzjal tal-innovazzjoni bbażata fuq il-post billi (i) jinsilet tagħlim mid-dinamika lokali, (ii) l-investimenti Ewropej jiġu allinjati mal-prijoritajiet kondiviżi, u (iii) jitwessa' l-potenzjal għat-tkabbir tal-produttività waqt li jiġi promoss it-tkabbir ekonomiku fit-tipi kollha ta' postijiet;

14. jilqa' l-idea ta' Ġabra Unika ta' Regoli għal aktar semplifikazzjoni u biex jinkisbu sinerġiji akbar bejn l-istrumenti ta' finanzjament differenti u b'hekk ikun hemm ċertezza legali akbar għall-benefiċjarji; jenfasizza, madankollu, li dan jeħtieġ koordinazzjoni u ċarezza biex jiġu evitati duplikazzjonijiet u inkonsistenzi fl-implimentazzjoni; jappella, għalhekk, biex l-ippjannar tal-investiment jitfassal skont il-ħtiġijiet konkreti tal-atturi industrijali fil-livell lokali, sabiex ikun hemm l-aqwa impatt possibbli u tissaħħaħ il-kompetittività fit-tul tal-Ewropa;

15. jilqa' l-intenzjoni li l-infiq tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività jiġi allinjat mal-għanijiet għall-UE kollha; jirrimarka, madankollu, li l-proposta ma tagħmel l-ebda referenza espliċita għall-proċess tas-Semestru Ewropew bħala mekkaniżmu ta' koordinazzjoni importanti u jappella għalhekk għal aktar kjarifiki dwar kif il-Fond Ewropew għall-Kompetittività jista' jinteraġixxi miegħu;

16. jisħaq, madankollu, li waqt li l-proċess tas-Semestru Ewropew huwa sinifikanti, huwa wkoll imperattiv li jiġi enfasizzat li, biex il-FEK jiffaċilita b'mod effettiv iż-żieda fl-investiment, huma essenzjali kundizzjonijiet li jiżguraw il-prevedibbiltà u l-istabbiltà fit-tul, u b'hekk jissalvagwardjaw l-investimenti milli jkunu soġġetti għal alterazzjonijiet li jirriżultaw minn proċessi baġitarji annwali;

17. jissuġġerixxi li tingħata attenzjoni partikolari biex tiġi żgurata sinerġija bla xkiel u effettiva ma' programmi u politiki oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Pjani ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, il-programm Orizzont Ewropa, u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;

18. jisħaq fuq l-importanza li jinstab bilanċ biex tiġi żgurata proċedura għall-finanzjament u r-rappurtar li tipprovdi ċertezza legali u li, fl-istess ħin, tkun trasparenti u aċċessibbli. Il-livell limitu amministrattiv għall-finanzjament ma għandux ikun għoli wisq, sabiex ma jiġux esklużi atturi iżgħar li jistgħu jikkontribwixxu għal aktar innovazzjoni;

19. jissuġġerixxi li r-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti fil-bordijiet konsultattivi u l-istrutturi ta' governanza tal-FEK biex jiġu żgurati rabtiet effettivi mal-innovazzjoni bbażata fuq il-post, sinerġiji effettivi mal-investiment pubbliku fil-prattika u enfasi fuq soluzzjonijiet imfassla apposta;

20. jenfasizza aktar il-ħtieġa li l-Fond Ewropew għall-Kompetittività jappoġġja politika industrijali Ewropea ġenwinament komuni aktar milli frammentazzjoni f'27 approċċ nazzjonali, u għalhekk jitlob li l-Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività tkun assoċjata mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività sabiex jiġu żgurati l-allinjament strateġiku, il-koerenza u l-koordinazzjoni tal-investimenti industrijali madwar l-Unjoni;

Sett ta' għodod tal-FEK

21. jappella biex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti mill-qrib u kkonsultati regolarment fil-proċess ta' żvilupp u tħejjija tal-programmi ta' ħidma għall-FEK bil-għan li jiġu diskussi l-prijoritajiet ta' finanzjament mill-perspettiva tal-ħtiġijiet lokali u reġjonali, inklużi l-SMEs, l-istart-ups u oħrajn, meta jitqies li l-innovazzjoni fuq skala iżgħar spiss isservi bħala bażi ta' ttestjar għal soluzzjonijiet ġodda;

22. jilqa' l-proposta ta' bennej tal-ktajjen tal-valur tas-Suq Uniku bħala għodda innovattiva biex jissaħħu r-rabtiet kummerċjali lil hinn mill-fruntieri; jissuġġerixxi li jiġu inklużi azzjonijiet speċifiċi biex jinvolvu u jattiraw kapital pubbliku u privat addizzjonali għall-investimenti, u biex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti f'dan il-proċess billi jibnu fuq alleanzi industrijali reġjonali eżistenti bħall-Alleanza Ewropea tar-Reġjuni tas-Semikondutturi, l-Alleanza tar-Reġjuni Awtomobilistiċi, in-Network Ewropew tar-Reġjuni tas-Sustanzi Kimiċi u n-Network Ewropew ta' Reġjuni Relatati mad-Difiża;

23. jissottolinja r-rwol tal-banek promozzjonali reġjonali u tal-istituzzjonijiet ta' finanzjament kooperattivi jew simili bħala msieħba ewlenin għall-istrument InvestEU u, b'mod partikolari, fil-kompartimenti nazzjonali previsti;

24. jenfasizza li l-miżuri proposti biex jiġu appoġġjati l-atturi ewlenin tat-teknoloġija tal-UE u l-azzjonijiet ta' żieda fil-produzzjoni għandhom jinbnew fuq strateġiji effettivi ta' innovazzjoni bbażati fuq il-post biex tiġi żgurata l-adozzjoni effettiva tagħhom fil-prattika;

25. jilqa' l-appoġġ ta' Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) iżda jtenni t-tħassib dwar is-semplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-ħolqien u l-approvazzjoni tal-IPCEIs u billi r-reġjuni tal-UE jingħataw spinta biex jissieħbu f'konsorzji futuri;

Konsulenza għall-Proġetti, kollaborazzjoni mal-SMEs, żvilupp tal-ħiliet u aċċess għall-finanzjament

26. jisħaq li l-SMEs huma xpruni fundamentali tal-kompetittività Ewropea u jappella għal allokazzjoni mfassla apposta ta' appoġġ finanzjarju għall-SMEs fl-ambitu tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u jfakkar li s-servizzi ta' konsulenza u appoġġ waħedhom mhumiex biżżejjed biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom ta' investiment u ta' espansjoni;

27. jirrakkomanda li n-Network ippjanat "UE għan-Negozji" jibni fuq l-għarfien espert eżistenti tan-Network Enterprise Europe, tal-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti u ta' atturi oħra tal-ekosistema reġjonali, li huma komplementari għall-SMEs;

Appoġġ għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni industrijali

28. jilqa' l-allokazzjoni ta' 43 % fi ħdan il-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-klima, iżda jappella għal definizzjonijiet ċari, kriterji trasparenti u eżiti li jistgħu jitkejlu biex tiġi żgurata l-kredibbiltà, jiġi evitat il-greenwashing u jiġu permessi monitoraġġ u evalwazzjoni effettivi;

29. jenfasizza r-rwol essenzjali tal-programm LIFE biex jiġi żgurat li l-politiki dwar il-klima, l-enerġija u l-ambjent jiġu implimentati fil-prattika u jappella biex jitkomplew l-azzjonijiet LIFE bħala programm awtonomu b'regolament speċifiku u b'enfasi partikolari, f'sejħiet futuri, fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

30. jenfasizza li l-investimenti fl-ambitu tal-FEK għandhom jiffukaw fuq in-newtralità teknoloġika, u jippermettu firxa wiesgħa ta' soluzzjonijiet, biex b'hekk javvanzaw id-dekarbonizzazzjoni waqt li jiżguraw is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija u l-istabbiltà tal-prezzijiet;

Appoġġ għas-saħħa, il-bijoteknoloġija, l-agrikoltura u l-bijoekonomija

31. jilqa' r-referenza espliċita għall-approċċ "saħħa fil-politiki kollha" u l-impenn li jissaħħu l-innovazzjoni u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa bħala infrastruttura strateġika għall-kompetittività; itenni li dawn tal-aħħar huma ġestiti mill-gvern reġjonali f'żewġ terzi tal-Istati Membri tal-UE;

32. jappella li jinħolqu Ċentri ta' Sħubija tal-FEK fil-livell tal-Istati Membri/fil-livell reġjonali biex id-dimensjoni bbażata fuq il-post tiddaħħal fil-governanza tal-objettiv tas-saħħa tal-FEK;

Appoġġ għat-tmexxija diġitali

33. jirrakkomanda appoġġ sostnut u kontinwu kemm għal inizjattivi u proġetti deċentralizzati stabbiliti kif ukoll għal dawk emerġenti implimentati fil-livell lokali jew reġjonali matul il-perjodi ta' programmazzjoni attwali u preċedenti, irrispettivament mill-istatus ta' kofinanzjament tagħhom mal-baġit tal-UE;

34. itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi "Fond tal-IA għall-awtoritajiet reġjonali u lokali" uniku bħala parti mill-attivitajiet speċifiċi biex tiġi appoġġjata t-tmexxija diġitali, bil-għan li jitħaffef il-pass tal-implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet previsti fid-dokumenti strateġiċi rilevanti tal-UE;

Appoġġ għar-reżiljenza u s-sigurtà, l-industrija tad-difiża u l-ispazju

35. jenfasizza r-rwol tar-reġjuni biex jestendu l-bażi industrijali tad-difiża billi jinkorporaw ekosistemi reġjonali kompetenti li jikkontribwixxu għall-koeżjoni territorjali, billi jappoġġjaw lill-SMEs u lill-istart-ups, kif ukoll biex iħejju liċ-ċittadini, lin-negozji u lill-infrastruttura lokali;

36. jilqa' żieda fl-investiment fid-difiża u l-ispazju fl-ambitu tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività; jappella għal koordinazzjoni u sinerġiji mill-qrib fl-investimenti mal-Pjani ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali u l-fergħa tal-mobbiltà militari tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; jenfasizza li l-politika dwar l-ispazju tal-UE tiddependi minn bażi industrijali spazjali Ewropea b'saħħitha u kompetittiva, li hija intrinsikament doppja; jenfasizza li l-użi ċivili u tad-difiża jiddependu mill-istess kapaċitajiet industrijali u li l-objettiv mhuwiex separazzjoni, iżda li tiġi żgurata viżibilità, prevedibbiltà u kontinwità ċari għall-programmi tal-ispazju ċivili fi ħdan il-Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-QFP 2028-2034 futur, inklużi Copernicus, Galileo/EGNOS u IRIS, sabiex l-objettivi, is-servizzi u l-applikazzjonijiet territorjali ċivili jiġu identifikati b'mod ċar u appoġġjati b'mod effettiv.

Brussell, l-4 ta' Marzu 2026.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Kata TÜTTŐ